Generated by Foxit PDF Creator © Foxit Software
http://www.foxitsoftware.com For evaluation only.

**Kunsill Lokali |ebbu[ - G]awdex**
**Triq il-Knisja, |ebbu[**
**Nru. tat-Telefon:- 21563056 Nru. tal-Fax:- 21563322**
**E-mail:- zebbug.gozo.lc@gov.mt Website:- zebbuggozo.com**

# AVVIŻI MILL-KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ

## IL-ĦARĠA GĦALL-ANZJANI

Kif konna ħabbarnilkom fl-aħħar sett ta’ avvizi l-Kunsill Lokali għandna l-ħsieb li norganizzaw ħarġa kulturali u diverteni għall-anzjani tal-lokalita` tagħna. Minn dak in-nhar sa issa bi pjaċir inħabbrulkom li ġejna avviċinati mill-Kunsilli Lokali tax-Xagħra u ta' Sannat li billi niċċelebraw JUM IL-LOKALITA` tagħna t-tliet lokalitajiet fl-istess jum, ġie suġġerit li l-ħarġa għall-anzjani nagħmluha lkoll flimkien bl-istess programm. Id-differenza li sibna kienet waħda, li għalkemm aħna konna ddeċidejna l-ġurnata tat-Tnejn 26 ta' April 2010 tax-Xagħra u ta’ Sannat kienu diġa ffissaw il-ġurnata tat-Tlieta 27 ta' April 2010. Meta tkellimna ma’ xi anzjani mil-lokalita` tagħna qalulna li l-ġurnata tat-Tlieta tista’ tkun aħjar mill-ġurnata tat-Tnejn. Għalhekk il-ħarġa għall-anzjani tagħna ser issir nhar it-Tlieta li tajjeb ninfurmawkom li għalkemm programm dettaljat qiegħdin naħdmu fuqu t-tliet Sindki flimkien, diġa qbilna li nibdew il-ġurnata b' quddiesa fis-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu u ser nispiċċaw b' ikla flimkien għand Villa Fiorita kmieni wara nofsinhar. Qiegħdin nippjanaw biex inżuru postijiet ta’ nteress kulturali u storiku kif ukoll għal dawk li jħobbu t-tombla din ser tkun inkluża fil-programm. Ser nitolbukom ħlas ta’ 10 ewro għall-ikel filwaqt li l-kumplament tal-ispejjeż bħal transport, kiri tas-sala eċċ. ser joħorġu mill-Kunsilli rispettivi skond l-attendenza minn kull lokalita`. Għandha tkun ħarġa sabiħa u ta’ esperjenza li t-tliet lokalitajiet ser norganizzaw ma’ xulxin. Għalhekk billi n-numru ta’ parteċipanti jista’ jkun ristrett għal min jiġi l-ewwel nitolbukom biex min huwa nteressat japplika l-Kunsill sa nhar il-Ġimgħa 16 ta' April 2010. Din l-attivita` hija miftuħa għal kull min għandu l-Kartanzjan. Mal-logħob tat-tombla jista’ jkun hemm xi rebħ ta’ xi sorpriża !!!!!!!

## IT-TRIQ TAL-ĦAMRA

Wara li l-Kunsill Lokali approva biex parti oħra mill-bidu tat-Triq tal-Ħamra niksuha bil-konkos fil-kantuniera taħt id-daħla Ta' Kuljat, bi pjaċir inħabbrulkom li dan ix-xogħol ser isir nhar it-Tlieta 6 ta' April 2010. Fuq parir tekniku mill-Perit tal-Kunsill meta jitferrex il-konkos dan ma għandux jintrifes qabel jumejn minn karozzi żgħar u tal-inqas tlieta jew erba’ ġranet mit-trakkijiet. Jekk il-konkos ma nagħtuhx iż-żmien biex jieħu saħħtu nkunu għamilna l-ispejjeż għalxejn. Għalhekk filwaqt li nitolbu l-koperazzjoni ta’ min jagħmel użu minn din it-triq ninfurmawkom li wara s-6 ta' April 2010 din il-parti tat-triq ser tkun magħluqa għat-traffiku u l-ewwel ġurnata l-anqas bil-mixi ma tkun tista’ tintrifes. Filwaqt li nistennew koperazzjoni sħiħa mir-residenti tagħna tajjeb tkunu nfurmati li din il-parti tat-triq biex nassiguraw riżultat tal-aqwa kwalita` ser tkun protetta b' ħajt tal-kantun. Il-Kunsill Lokali filwaqt li jiskuża ruħu minn kull inkonvenjent li dan ix-xogħol jista’ jikkaġuna konxji mil-fatt li ser inneħħu inkonvenjent permanenti li hemm bħalissa u li hemm bżonn urġenti għal dan ix-xogħol.

Generated by Foxit PDF Creator © Foxit Software
http://www.foxitsoftware.com For evaluation only.

## XOGĦLIJIET TAL-KUNSILL

Waqt żjara uffiċjali li għamel is-Segretarju Parlamentari għall-Kunsilli Lokali l-Onor. Dr. Chris Said ġewwa l-bajja ta' Marsalforn segwa mill-qrib flimkien mas-Sindku u l-Perit tal-Kunsill l-iffinalizzar tat-toroq li kellna għaddej ix-xogħol fihom. Triq il-Wied, Triq il-Forn parti minn Triq Santa Marija kif ukoll Triq Ta' Barda issa huma lesti miksija bil-*hot asfalt*. L-ewwel tlieta għamilnihom b' għajnuna diretta mill-fondi speċjali għall-proġetti speċjali grazzi lis-Segretarjat Parlamentari għall-Kunsilli Lokali. Kif kien qiegħed Marsalforn l-Onor. Dr. Chris Said faħħar ix-xogħol li sar f' dawn it-toroq u kellu kliem ta' nkoraġġiment għall-inizjattiva li ħadna biex dawwalna l-parti antika ta' Marsalforn, Triq id-Duluri, Triq l-Isqof Pace, parti minn Triq il-Munġbell u Triq il-Plejju. Dan il-proġett kien iffinanzjat mil-U.I.F. u Dr. Chris Said ħeġġiġna biex nagħmlu użu tajjeb minn dan il-fond biex intejbu l-ambjent fil-lokalita` tagħna. Fil-ġranet li ġejjin ser inkomplu nagħtu l-aħħar kisja lit-Triq tal-Qbajjar u x-Xwejni u dritt wara ser immorru għal Triq iċ-Ċnus u Triq tal-Konti biex dawn ikunu miksija wkoll bil-*hot asfalt*. Bħalissa għaddejjin bix-xogħlijiet ta' tisbieħ u rranġar tal-berġa tar-raħal tagħna u x-xogħol jinsab fi stadju avvanzat dejjem grazzi għall-ħaddiema li jagħtina s-Segretarjat Parlamentari għal Kunsilli Lokali.

## ILWIEN IR-REBBIEGĦA

Kif ħabbarnilkom fl-aħħar sett ta' avviżi l-preparamenti għal festi ILWIEN IR-REBBIEGĦA jinsabu fl-aqwa tagħhom. Il-programm huwa finalizzat u jonqos biss l-aħħar irtokki biex dan l-avveniment li daħal fil-kalendarju tal-lokalita` tagħna jkun wieħed ta' suċċess. Ser ikollna spettaklu ta' kant lokali u Nazzjonali, żfin kif ukoll kuluri kemm ta' fjuri kif ukoll spettaklu ta' logħob tan-nar tal-art fejn it-talent lokali ser ikun jikkumplimenta mal-ħiliet u l-kapaċitajiet tal-kmamar tan-nar tal-Imqabba kif ukoll Virtut Firework Factory. Dettalji tal-programm kollu ser inkunu nistgħu ngħadduhulkom fil-ġranet li ġejjin pero` tajjeb tkunu tafu li dawn il-festi ser jiġu fi tmiemhom b' ikla u festa speċjali l-Ħadd 25 ta' April 2010 kmieni wara nofsinhar. Għalhekk biex dan is-suċċess ikun jista' jintlaħaq qiegħdin nappellaw lill-għaqdiet kollha tar-raħal biex jibgħatu rappreżentant tagħhom għall-laqgħa li ser norganizzaw nhar l-Erbgħa 7 ta' April 2010 fit-8.00 p.m. fil-bini tal-Kunsill. Grazzi bil-quddiem tal-koperazzjoni tagħkom.

## XOGĦOL TA' MASTRUDAXXA

Bħalissa fuq ix-xogħol li għaddejjin fil-berġa tar-raħal għandna bżonn ta' xi xogħol ta' mastrudaxxa. Għalhekk dawk il-mastrudaxxi li huma nteressati f' dan ix-xogħol huma ġentilment mitluba jinkitbu fl-uffiċċju tal-Kunsill jew iċemplu 21563056 sa nhar il-Ġimgħa 9 ta' April 2010. Dettalji jingħataw aktar il-quddiem lil dawk interessati.

**IL-KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ JAWGURA L-GĦID IT-TAJJEB LIR-RESIDENTI.**

**Carmelo Saliba Sindku – Joe Bajada Viċi Sindku**
**Harry Debono, Joseph Camilleri, Victor Refalo Kunsilliera**

**Il-Ħamis, l-1 ta' April 2010** **Nru. 05/2010**